**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**-vs-**
**Mario Mifsud, detentur tal-karta tal-identita` numru 788453M**

**Kumpilazzjoni Nru. 477/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Mario Mifsud u ċioè:

Nhar it-3 ta' Mejju, 2016, bejn il-ħinijiet tad-9:00hrs u l-11:00hrs ġewwa Wesgħa l-Mużew, Rabat, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ġiegħel annimal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħax dawk il-passi raġjonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtieġijiet ta' annimal li kien responsabbli għalih jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-

annimal, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (4) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ttrasporta annimal fuq vettura inadekwata u l-ħin tat-trasport kien twil għalxejn u dan bi ksur tal-Art. 3 (a) (c) (e) u (f) tal-Regolament tal-Kunsill Ewropew numru 1/2005.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-akkuza kif migjuba hi wahda specifika u tirreferi ghal nhar it-3 ta' Mejju bejn id-9am u l-11am kif ukoll f'post specifikat u cioe' gewwa Wesgha tal-Muzew, fir-Rabat.

Illi l-**Ispettur Elliot Magro** xehed kif fl-10 ta' Mejju, 2016 il-Pulizija kienet irceviet kwerela minn Dr Duncan Chetcuti Ganado, Veterinary Officer, fejn kienu gew mitluba jiehdu passi kriminali fil-konfront ta' certu Mario Mifsud, l-imputat, u dan wara li fuq is-sit Facebook kien deher ritratt ta' naghga marbuta minn ghonqa bi flaska fuq vettura li kienet tappartjeni lill-imputat. L-ispettur jghid li l-file bil-kwerela wasal ghandu fl-10 t'Awissu, 2016, (u cioe' tlett xhur wara li dahhlet il-kwerela) u fit-12 t'Awissu, 2016, l-imputat kien gie interrogat. Ghalkemm l-ispettur jixhed li l-imputat *"stqarr li fit-3 ta' Mejju, kien xtara naghga, ghadda r-Rabat jiehu te u halliha pparkjata hemmhekk gor-Rabat stess.",*[1] fl-istqarrija l-imputat ma jaghmilx dik l-ammissjoni kif jikkontendi l-ispettur. Fil-fatt l-ispettur nhar it-12 t'Awissu, 2016, ghamel domanda dwar id-data ta' meta deher ir-ritratt fuq sit socjali u mhux dwar il-jum meta l-imputat effettivament kellu in-naghga marbuta kif allegat:

***M.*** *Fit-**03 ta' Mejju, 2016, deher** ritratt fuq certu siti socjali ta' naghga marbuta bi flaska minn ghonqa fuq vettura, illi rrizultat illi hija tieghek, xi tghid dwar dan?*

[1] Fol.19

***T. Xi tridni nghidlek, jien hallejtha fil-vann, ghaddejt niehu te u sibuha fuq din Facebook [,] wara xi gimgha bghat ghalija s-Surgent.***[2]

Illi l-imputat kien innega li n-naghga kienet qed tbati xi sofferenza anzi jghid li kienet rieqda u damet hekk marbuta ghal xi nofs siegha.[3]

Illi r-ritratti esebiti ma jaghtu ebda indikazzjoni dwar il-hin meta w il-post minn fejn ittiehdu w lanqas ma ngabet evidenza dwar dan.

Illi fl-istess stqarrija saret riferenza ghal fatt li l-imputat kien gja gie mitkellem minn PS163 fl-Ghassa tar-Rabat fl-1 ta' Lulju, 2016. Dwar dan jixhed l-istess Surgent li anke jikkonferma il-Current Incident Report esebit f'dawn l-atti li juri li dan ir-rapport iddahhal fl-1 ta' Awissu, 2016.[4] Anke dan ir-rapport issir biss referenza ghal **meta deher** ir-ritratt fuq Facebook u cioe` fit-3 ta' Mejju, 2016. Mitkellem mis-Surgent jinghad li l-imputat kien qal li kien waqaf jiehu kafe ghand is-Serkin bejn id-9am u l-11am u li n-naghga kien rabatha bi flaska minn ghonqa u li xi jiem wara kienet ittiehdet ghal qatla.[5]

Illi **PS163 Robert Azzopardi** xehed illi meta kellem lill-imputat *"qalli li dakinhar tal-incident vera kien qed jittrasporta din in-naghga, kien rabatha minn ghonqa biex ma taqbizx mit-truck u fil-hinijiet ta' bejn id-disa' u l-hdax ta' filghodu xi hin minnhom kien waqaf fejn is-Serkin biex jiehu xi te` u ghal xi hin kien halla l-vann hemmhekk....Id-dati li ghandi jien huma d-data tal-ittra li sari r-rapport 5 ta' Mejju u fejn kien indikat dan ir-ritratt li ttella fuq l-internet kien 3 ta' Mejju 2016."*[6]

Illi ghalhekk anke f'din l-okazzjoni kif rappurtat minn PS 163, ma **kien hemm ebda ammissjoni dwar il-gurnata li effettivament kien waqaf ghand is-Serkin bin-naghga marbuta kif inghad** u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tressaq prova tal-jum u tal-lok galadarba ghazlet li tkun specifika fl-akkuza minn taghha. Minn qari tal-process jirrizulta li ssir riferenza biss ghad-data li deher ir-ritratt u mhux ghal jum li fih ittiehed!

---

[2] Fol.8
[3] Ibid.
[4] Fol.10 et seq.
[5] Fol.13
[6] Fol.40-41

Illi l-kwerela ffirmata minn Dr Chetcuti Ganado taghmel biss riferenza ghal meta gie ppublikat ir-ritratt. Fil-fatt hu jixhed *"Mela ahna konna rajna fuq il-Facebook.....Konna qed naraw niehdu passi fuq dak li rajna fuq ir-ritratt....dawn iz-zewg dokumenti ghandna zewg ritratti li konna rajna fuq il-Facebook."* [7]

Illi wara li semghet lill-Dr Chetcuti Ganado kif ukoll hekk kif tista tikkonstata mir-ritratti nfushom, certament jirrizulta ppruvat li l-naghga ma kenitx trattata b'mod xieraq u b'uzu ta' prattici tajba. Lanqas ma hemm dubbju li l-vettura wzata mill-imputat ghat-trasport tal-istess kienet inadekwata u l-imputat innifsu ammetta li din inzammet hekk ghal xi 30 minuta. L-istess jinghad ghal fatt li l-agir tal-imputat kkawza minn tal-inqas dwejjaq bla bzonn ghall-annimal li gie suggett ghal trattament mhux xieraq.

Illi mhemmx dubbju li dan kollu sehh fit-3 ta' Mejju, 2016, (id-data li deher ir-ritratt,) jew precedentement ghal dik id-data. Il-prosekuzzjoni kellha obbligu tressaq l-ahjar prova u cioe' meta ittiehed ir-ritratt jew min ha r-ritratt sabiex jixhed dwar dan. Il-Pulizija kellha aktar minn 6 xhur sabiex tinvestiga dan il-kaz sabiex tissostanzja l-akkuzi li addebitat lill-imputat bihom. Dan kien kaz fejn litteralment issib sinifikat l-espressjoni idjomatika Ingliza *"the devil is in the detail"!*

Illi l-prosekuzzjoni ghazlet li tabbina l-akkuzi ma data (biex ma jinghadx l-istess dwar il-hin u l-lok) tant preciza u specifika, ghalhekk kellha l-obbligu ggib id-debita prova biex tissostanzja l-akkuzi kif migjuba kontra l-imputat u cioe` tipprova l-akkuza sal-inqas dettal hekk kif hu gie akkuzat. Sfortunatament l-atti huma karenti minn kwalunkwe evidenza li minnha tista' ssir id-debita prova dwar id-data ta' meta sehhew dawn il-vjolazzjonijiet.

Minkejja l-probabilta` kbira hi li r-ritratt ittiehed fl-istess jum meta deher fuq Facebook, dan ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-akkuzi kif migjuba ma jirrizultawx sodisfacentment ippruvati. Minghajr dubbju l-fatt li ghaddew xhur bejn id-data li deher ir-ritratt u meta gie investigat il-kaz, ma ghenx.

[7] Ix-xhud jaghmel riferenza ghal DOK. EM1 u EM2 a fol. 25-26

Dawn huma reati relattivament godda li ghandhom jinghataw aktar priorita` u jitmexxew b'mod celeru daqs reati 'konvenzjonali' ohra issa li l-legislatur kien tal-fehma, fl-opinjoni tal-Qorti ferm ghaqlija, li jikkriminalizza anke b'pieni severi mohqrija u trattament mhux xieraq fuq annimali.

Ghaldastant fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi kollha imputati lilu fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**